MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1437/2002

Kawza fil-lista: 18

**A B C**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D B C li sussegwentment assuma l-atti u b' digriet tal-14 ta' Marzu 2006 l-kuraturi gew estromessi mill-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet iccelebraw iz-zwieg taghhom fil-hamsa ta' Mejju elf disa mija u tmienja u disghin (05.05.1998) kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn

anness bhala Dok A, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tfarrket irrimedjabilment minhabba torijiet imputabbli unikament lill-konvenut, fosthom sevizzi, minaccji, vjolenza, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici u imkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet;

Premess illi l-konvenut rrenda ruhhu hati ta' adulterju u zzewweg lill-konvenuta ghall-uniku skop sabiex ikun jista' ighix u jahdem Malta. Fil-fatt in vista tal-vjolenza fizika u tal-adulterju, l-Onorabbli Sekond' Awla ordnat lill-konvenut jallontana ruhhu mid-dar matrimonjali;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali, kopja tad-digriet hawn anessa bhala Dok B;
Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-partijiet bi htija unikament tal-konvenut minhabba ir-ragunijiet fuq premessi;

2. Tiffissa u tordna lill-konvneut ihallas lill-attrici manteniment kif jidrilha xieraq din il-Qorti;

3. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha li kienu jappartjenu lilha qabel iz-zwieg, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominandi

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tapplika internament jew in parte d-diposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 55 tal-Kodici Civili;

5. Taqsam u tiddividi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa u tordna

l-pubblikazzjoni tal-att ta’ divizjoni minn Nutar nominandi f’data li tifi ffissata ghall-iskop;

6. Tiddikjara sabiex id-dejn maghmul mill-konvenut wahdu minghajr il-kunsens tal-attrici jkun responsabbli ghalih il-konvenut;

7. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta l-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta’ divizjoni relattiva;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u rriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eccepixxa:

a) Preliminarjament, in-nullita ta’ dawn il-proceduri stante d-dikjarazzjoni falza da parti ta’ l-attrici meta otjeniet il-kunsens mis-Sekond’ Awla bazata fuq il-premessa li huwa kien jinsab imsiefer ghal liema raguni gew appuntati kuraturi deputati meta hija mhux talli kienet taf ben tajjeb li l-istess esponenti kien f’dawn il-gzejjer izda sahansitra kienet taf fejn kien qieghed jabita.

b) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hux minnu illi huwa f’xi hin irrenda lilu nnifsu hati ta’ sevizzi, minacci, vjolenza, eccessi, ingurji gravi, jew inkompatibilita ta’ karattru jew xorta ohra kif qieghed jigi allegat u ghalhekk l-ewwel, t-tieni u r-raba talba ghandhom jigu michuda stante li kienet l-istess attrici li rendiet lilha nnifisha difficli u ghamlet minn kollox sabiex tkecci lil ecipjenti mid-dar matrimonjali u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

c) Illi ghar-rigward tas-sitt talba d-debitu mal-Korporazzjoni Maltacom plc dan kien gie assunt mill-esponenti pero’ ma qieghed jigi accettat l-ebda dejn jew ammont iehor stante illi meta kontrattati mill-esponenti, dawn dejjem gew imhalsa u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

d) Illi t-tielet talba wkoll ghandha tigi michuda stante li l-esponenti ma jiddetjeni l-ebda hwejjeg parafernali ghall-attrici peress illi hu gie mkecci mill-fond matrimonjali u ma ha xejn mieghu ghajr dak li pakjatlu l-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

*Separazzjoni personali*
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni. Il-konvenut minn naha tieghu qed jopponi ghal din it-talba kemm b' eccezzjoni ta' natura preliminari, kif ukoll b' eccezzjonijiet fuq il-meritu.

Preliminarjament il-konvenut qed jeccepixxi li l-proceduri odjerni huma nulli stante li l-awtorizzazzjoni ottenut mill-attrici mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi gudizzjarjament ghas-separazzjoni personali, hija bazata fuq dikjarazzjoni falza maghmula mill-istess attrici. Skond il-konvenut l-attrici ddikjarat il-falz meta dina qalet li huwa kien jinsab imsiefer u ghalhekk inizjalment kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentawh f' dawn il-proceduri. Il-konvenut jsostni li l-attrici f dak iz-zmien kienet taf li hu kien qieghed f' Malta u sahansitra kienet taf fejn kien jabita.

In propositu l-Qorti tosserva li mill-affidavit ta' l-attrici jirrizulta car li dina ma kienitx taf fejn kien mar il-konvenut meta dan telaq mid-dar konjugali; u ghalhekk, in mankanza ta' provi ulterjuri da parti tal-konvenut sabiex isostni l-asserzjoni tieghu, din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

Illi fil-meritu l-partijiet taw versjoni differenti hafna ta' kif origina t-tilwim matrimonjali bejniethom u kif svolga.

Il-versjoni attrici hi fis-sens li hija kienet iltaqet mal-konvenut ftit xhur qabel id-data taz-zwieg, u ghalkemm hija kienet ta' eta' matura u l-konvenut kien sittax il-sena izghar minnha, hija saret thobbu, ghalkemm kienet kawta meta l-konvenut kien insista maghha biex tizzewwgu. Darba minnhom tfacca wara bieba l-konvenut eskortat mill-pulizija peress li kien inqabad jahdem bla permess, u hija kkonfermat mal-pulizija dak li qallhom il-konvenut u cioe' li kien ser jizzewweg lill-attrici. Minhabba f' hekk l-attrici izzewwget lill-konvenut malajr sabiex dana ma jitkeccix minn Malta u jkun jista'jirrisjedi Malta u jahdem ukoll. Di fatti l-koppja zzewwget fil-5 ta' Mejju 1998 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

L-attrici tghid li inizjalment wara z-zwieg il-konvenut beda jahdem ma' kuntrattur u kien jdahhal mitt lira fil-gimgha, li minnhom f' okkazzjoni darba wahda biss taha din is-somma izda sussegwentement beda jghatiha ferm inqas. Ftit gimghat wara z-zwieg il-konvenut telaq mix-xoghol u beda jirregistra. Inoltre, wara z-zwieg il-konvenut ma kienx igib ruhu sewwa ma' l-attrici u kien jistmaha bhala seftura, kien vjolenti maghha u kien ihalliha nieqsa mill-flus. Hija tghid li kienet tissuspetta li kien jaghmel xoghol mal-klandestini peress li kien icempel hafna u jitkellem bil-lingwa Gharbija. Rizultat ta' dan il-konvenut kien tella' kont tat-telefon fl-ammont ta' LM1,442.88 li huwa ma kienx hallas u ghalhekk il-Maltacom kienet qatatilhom is-servizz. Hija tghid ukoll li matul iz-zwieg hija kienet tat lill-konvenut is-somma ta' Lm500, li kienet wirtet, sabiex dan jixtri karrozza li eventwalment kien biegh lura u l-flus baqa' ma rritornahomlhiex. L-attrici esebiet ukoll kopja ta' ittra li turi li l-konvenut kellu relazzjoni extra maritali ma' mara Awstraljana.

Il-konvenut minn naha tieghu cahad l-akkuzi maghmula minn martu fil-konfront tieghu, u sostna li l-attrici riedet li jixtru dar ta' abitazzjoni minn flusu, u meta ma kkuntentahiex ir-relazzjoni bejniethom bdiet tmur lura sa tal-punt li dina keccietu mid-dar konjugali. Huwa jghid li

qabel din il-problema, “ir-relazzjoni matrimonjali taghhom kienet wahda normali u felici u damet hekk ghal diversi xhur.” Huwa jkkonkludi d-dikjarazzjoni guramentata tieghu billi jghid li huwa lest li “jahfer [lill-attrici] u jsalva z-zwieg li dahal ghalih.” [fol.82]

In propositu l-Qorti tosserva li, filwaqt li l-versjoni tal-attrici hija konfermata minn diversi xhieda fosthom zewg qassisin li kienet tiftah qalbha maghhom, il-versjoni tal-konvenut ma ssibx konfort fil-provi ghajr il-versjoni xotta tieghu. Inoltre, il-Qorti wara ezami ta’ l-atti hija tal-fehma li l-versjoni ta’ l-attrici hija verosimili, ghal kuntrarju ta’ dik tal-konvenut li hija inverosimili.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-konvenut qabad relazzjoni ma’ l-attrici li dak iz-zmien kellha 51 sena u kienet sittax il-sena akbar minnu bl-iskop uniku li jkun jista’ jrrisjedi u jghix f’ Malta. Anki c-cirkostanzi li wasslu lill-attrici sabiex tizzewwgu qabel iz-zmien juru li dak li kellu f’ rasu l-konvenut kien li ma jitkecchiex minn Malta. Izda wara d-data taz-zwieg il-konvenut mill-bidu wera lill-attrici li ma kienx hemm affezzjoni minn naha tieghu u li huwa kien jara lill-attrici bhala seftura tieghu li qeda hemm sabiex taqdih biss. Huwa kien vjolenti maghha u kien ihalliha nieqsa mill-flus.

F’ dan il-kaz il-Qorti tirravvisa mohqrija u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, ai termini ta’ l-Artikolu 40 tal-Kap.16; izda, ghalkemm ngabet prova li l-konvenut kellu relazzjoni extra maritali, ma ngabitx prova sodisfacenti li gie kommess adulterju mill-konvenut, u ghalhekk dina tikwalifika biss bhala ingurja gravi. Rigward il-komportament abusiv da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici ma hemmx dubju li dan jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta’ l-Artikolu precitat.
Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel talba attrici bazati fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 40 huma sostnuti mill-provi u ghalhekk huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

*Manteniment*

Rigward it-tieni talba, il-Qorti tirrileva li mill-provi jirrizulta car li l-konvenut kapaci jahdem u fil-fatt kien ghamel zmien jahdem ma’ kuntrattur u kien jaqla’ mitt lira fil-gimgha. Ghaldaqstant il-Qorti tikkunsidera xieraq li l-konvenut jigi ordnat li jhallas manteniment lill-attrici fl-ammont ta’ erbghin lira maltin [Lm40] fil-gimgha.

*Inkwilinat*
Illi l-inkwilinat tal-fond konjugali, numru 9 Triq Santa Maria Luqa, ghandu jdur ghal fuq isem l-attrici esklussivamentm fejn ghadha tabita sallum u li fih ghandha l-oggetti kollha parafernali taghha.

*Proprjeta’ Parafernali*
Illi jirrizulta li l-oggetti kollha fl-imsemmi fond huma proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici derivanti mill-wirt ta’ ommha, u ghalhekk dawn ghandhom jibqghu fil-pussess taghha.

*Kreditu*
Illi l-attrici ghandha kredit versu l-komunjoni fis-somma ta’ Lm500 li hija kienet silfet lill-konvenut sabiex jixtri karrozza li, nonostante li dana kien rega’ bighha, baqa’ ma rrestitwix din is-somma lill-attrici.

*Dejn*
Illi l-ammont ta’ Lm1,442.88 rapprezentanti kont tat-telefon, dovut lil Maltacom ghandu jigi assunt mill-konvenut biss, stante li dan jirrapprezenta hlas ta’ diversi telefonati maghmula minnu.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa r-rigett ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-partijiet, u dan ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut;

[2] Tordna lill-konvenut jhallas lill-attrici retta’ alimentarja settimanali ta’ erbghin lira [Lm40];

[3] Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tordna li l-oggetti li jinsabu fil-fond 9 Triq Santa Maria Luqa jbqghu fil-pussess ta’ l-attrici.

Inoltre il-konvenut huwa ordnat li jhallas lura lill-attrici s-somma ta’ hames mitt lira maltin [Lm500]; u li d-dejn mal-Maltacom ammontanti ghal Lm1,442.88 ghandu jdur fuq il-konvenut b’ mod li jkun dovut minnu biss, stante li dan sar mill-konvenut minghajr il-kunsens ta’ l-attrici.
[4] Tordna li l-inkwilinat tal-fond fuq indikat jghaddi esklussivament fuq isem l-attrici.

[5] Tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet fl-intier taghhom ta’ l-Artikoli 48, 51 u 55A tal-Kap.16

[6] In fine tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xbubitha fit-termini ta’ l-Artikolu 62

L-ispejjez kollha ghandhom jithallas mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------